MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 243/2002

Il-Pulizija
(Spettur P. Bond)

Vs

John Galea
Paul Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) FL-4 TA’ Gunju, 2001 ghall-habta ta’ bejn id-9.00 a.m. u l-10.00 a.m. waqt li kienu fix-showroom maghrufa bhala J & M Micallef li qeghda go Mdina Road, Zebbug, ikkommettew serq ta’ karozza li ggib numru CBG 481 t’ghamla Toyota Starlet li tiswa LM 3,950 kif ukoll somma ta’ flus li tammonta ghal LM 11,500 liema somma flus kienet fl-istess karozza, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’

Joseph Micallef mill-Mosta u ta’ Mario Micallef minn B’Kara;
2) Fl-istess data, hin u lok, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Darren Micallef li ghandu 15 il-sena, kontra l-volonta’ tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 t’Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 261 (c)(g), 267, 271 (g), 279 (b), u 280 sabet lill-imputati hatja w ikkundannathom kull wiehed ghal sentejn prigunerija li ssospendit ghal perjodu ta’ erba snin bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm l-imputati ma jikkommettux reat iehor fi zmien l-erba snin ossija l-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza. Illiberathom mill-bqija tal-akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant John Galea minnu pprezentat fis-17 t’Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u kwindi minnha tilliberah skond il-ligi u tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha.  Minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jigix akkolt, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Galea minnu pprezentat fis-17 t’Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u kwindi minnha tilliberah skond il-ligi u tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha.  Minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jigix akkolt, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti John Galea w  Paul Galea  - wara li gie rtirat l-aggravju ta’ John Galea dwar  li hu seta’ jinstab hati biss ta’ komplicita’ - huma identici  w , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :-  li l-Ewwel Qorti a

bazi tal-fatti ma setghetx legalment u ragonevolment issib il-htija tar-reat ta' serq kwalifikat tal-vettura Toyota , CBG-481, ghax ma kienx hemm "l'animo di farne lucro" ; li dan l-element formali tar-reat ma johrogx mill-provi rizultanti imma se mai kien jikkonfigura r-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta , ghax jidher li l-appellant Paul Galea kien ippretenda li kellu dritt li jaghmel dak li ghamel u ghamel "di braccio privato" dak li jmissu sar permezz tal-awtorita' pubblika; u li l-piena f'kull kaz kienet wahda eccessiva ;

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tas-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002 , li fil-kors taghha Dr. Ian Farrugia, kif gja intqal fuq, irtira t-tieni aggravju tal-appellant John Galea li hu seta', se mai , jinstab hati biss ta' komplicita' ;

Rat il-verbal tal-istess seduta , fejn Dr. Stephen Tonna Lowell , ghall-Prosekuzzjoni , ddikjara li f'kaz li tigi konfermata l-htija , jkun aktar xieraq li l-piena ta' "suspended sentence" moghtija fis-sentenza appellata tigi mibdula f' wahda ta' liberta' kondizzjonata jew "probation" taht il-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta , billi "dan hu kaz sfortunat" .

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghall din il-kawza kienu s-segwenti :- Paul Galea kienet ghogbitu karozza Mazda 626 li kienet ghall-biegh fix-"showroom" tad-ditta J & M Micallef go Mdina Road, Qormi w ghalkemm din ma kienetx ghogbot lill-appellant John Galea missieru, Paul Galea mar u qabad u xtraha . Hallas LM400 akkont u ntrabat li jhallas il-kumplament b' diversi kambjali. Wara nstab li dil-vettura kellha l-ilma tar-radiator jithallat maz-zejt tal-magna u l-appellanti qalu b'dan lill-bejjiegha Micallef izda ma hadux sodisfazzjon. Inoltre fl-istess zmien l-appellant Paul Galea

spicca mix-xoghol . Ghalhekk sar qbil li l-appellant Paul Galea jbiegh vettura ohra li diga’ kellu w cioe’ Toyota Starlet lil istess dealers u b’hekk jigi saldat il-bilanc fuq il-vettura Mazda. Izda fil-frattemp , minhabba li l-appellanti baqghu aggravati minhabba l-hsarat li kien hemm fil-Mazda , marru fis-showroom ta’ Micallef fl-4 ta’ Gunju, 2001 ghall-habta tad-9 am jew l-10 am. , fejn suppost kien miftiehem li jiltaqghu maz-zewg ahwa Micallef flimkien . Hemmhekk pero’ kien hemm biss it-tifel ta’ wiehed minnhom , certu Darren Micallef ta’ hmistax il-sena. Qalulu li kienu marru ghat-Toyota w meta dan qalilhom li hu ma kellux cwievet taghha w li kienet imsakkra , Paul Galea qabad u dahal fit-Toyota Starlet , startjha bi spare key taghha li hu kellu w harigha mis-showroom u hadha l-garage tieghu, waqt li John Galea zamm lil Darren Micallef milli jintervjeni w anki uza xi forza fuqu biex zammu . Apparti s-serq tal-karozza Toyota Starlet , l-appellanti kienu gew ukoll mixlija b’ serq ta’ somma ta’ flus ta’ Lm11,500 kontanti li suppost kienu gew mohbija fil-booth tal-istess karozza minn Micallef u ta’ sekwestru ta’ Darren Micallef kontra l-volonota’ tieghu , pero’ l-Ewwel Qorti ma sabithomx hatja ta’ dawn l-akkuzi w sabithom hatja biss tas-serq tal-vettura CBG-481 Toyota Starlet b’valur ta’ LM3950 .

Illi apparti l-kwistjoni tal-piena li dwarha jidher li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni w d-Difiza li hu l-kaz li tigi mibdula , dan l-appell jimpernja ruhu fuq il-fatt jekk fl-agir tal-appellanti, meta Paul Galea dahal fil-karozza li hu kien gja biegh u ttrasferixxa lill-J. &. M. Micallef u saqha ‘l barra mis-“showroom” lejn il-garage tieghu, fil-waqt li John Galea ha hsieb li jara li Darren Micallef ma jkunx jista’ jintervjeni biex iwaqqaf lil Paul Galea milli johrog il-vettura mix-showroom , kienux jirrikorru l-elementi kollha tar-reat tas-serq kif definit mill-awturi w mill-gurisprudenza , jew inkellha l-fatti kienux jinkwadraw ruhom taht ir-reat ta’ “ragion fattasi”, kif qed jissottomettu l-appellanti.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi biex tara jekk il-fatti setghux legalment u ragonevolment iwasslu ghal biex l-Ewwel Qorti tikkonkludi li kienu pruvati l-elementi kollha

tar-reat ta’ serq tal-karozza Toyota Starlet li bih l-appellanti kienu gew akkuzati , b‘mod li dik il-konkluzzjoni ma tkunx wahda “unsafe and unsatisfactory“ fic-cirkostanzi . Hu risaput li Qorti t’ Appell normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta’ fatti , izda terga taghmel apprezzament approfondit tal-istess fatti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha . [App.Krim. Pulizija vs. Joseph Zahra - 10.5.2002 u ohrajn].

Illi l-argument tal-appellanti hu li fil-waqt li mill-provi rrizultaw l-elementi kollha tar-reat tas-serq , dak tal-”animus lucrandi” “jew tal-”animo di farne lucro” ma rrizultax.

Ikkonsidrat ;

Illi ma hemmx dubju li l-karozza giet asportata ‘l-barra mis-showroom tal-ahwa Micallef li fuqhom il-karozza kienet ilha registrata sahansitra mal-Licencing & Testing Department sa mit-23 ta’ Mejju, 2001 , u dana wara li kienet saret l-iskrittura tat-”transfer” bejn Paul Galea u Mario u Joseph Micallef tal-21 ta’ Mejju, 2001 u li kopja taghha tinsab a fol. 50 tal-process. Lanqas hemm l-icken dubju li dan sar kontra u minghajr il-kunsens tal-istess ahwa Micallef u li sar frawdolozament u mhux b’ xi zball genwin da parti ta’ Paul Galea w John Galea li agixxa mieghu kif fuq intqal . Ghalhekk jirrikorru ndubbjament l-erba elementi l-ohra tar-reat ta’ serq u cioe’ dawk tal-“Contrectatio dolosa della cosa altrui , fatta invito domino” li jifformaw parti mid-definizzjoni klassika tal-CARRARA [Programma , Parte Speciale , Vol. IV, para.2017] u li giet addottata kostantement mill-Qrati taghna [ara ’Pulizija vs. Mario Tanti et.’ App. Krim. 9.12.1944 , ‘Pulizija vs. Carmelo Felice ‘, App. Krim. 10.1.1942 u ohrajn] . Li qed jigi ikkontestat mill-appellanti hu proprju il-hames element u cioe’ dak li l-Carrara jidentifika bhala “l’animo di farne lucro” , jew l-“animus furandi“ .

Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-

reat tas-serq. L-element intenzjonali ta’ dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035 :-

*“il dolo specifico del furto consiste nell’intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll’uso della cosa altrui.”* u
*“per lucro qui non s’intende un’ effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso.”*

u l-CRIVELLARI jghid :-

***“L’elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia’ col solo animo di prendere ma coll’animo di lucrare***.

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-

***“The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus “lucrum” in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one’s self....”***

u l-MAINO fil-”Commento al Codice Penale” Libro II , Titolo X , para. 1843 jghid :-

***“il profitto ...deve intendersi cosi’ nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell’ampio senso della parola.”***

u aktar ‘ isfel :-

***“”...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro , ma qualunque godimento o***

***piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."***

Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-

***"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917 , p..140]***

Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]

***"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent ; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself ( e.g. because he restores the thing ) ...the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases"***

Pero ' l-istess awtur ikompli jghid (op. cit. p. 306) li :-

***"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code"***

L-istess jghid MAINO [op.cit. para 1844] :-

"***Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito , o per compensarsi di un danno , o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto , per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame ,***

***l'imputabilita' a titolo di furto."***

u

***"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen. , non sara' dunque applicabile il-***
***titolo di furto , ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi***
***o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto;***
***e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto , sostituendo al***
***proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno ."***

Il-CARRARA (op. cit. Vol.IV , para. 2036 ) ukoll jghid li :-

***"Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare***
***un suo credito : il quale si rendera' responsabile di ragion fattasi ma non di furto."***

u fl-annotazzjoni tal-istess paragrafu , dan il-gurista ikompli jelabora dwar din id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dak ta' ragion fattasi . Hekk jghid :-

***"La eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione ... La vidi applicare ad un marito che avendo sorpreso la moglie in adulterio, aveva tolto al drudo l'orologio per ricattarsi . La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone, era fuggita dalla sua casa asportando oggetti di valore per supplire alle spese del suo parto. Queste ed altre simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione e sono conseguenze logiche quando siano rettamente applicate alle contingenze dei fatti. .... il-vero fondamento della degenerazione del furto in ragion fattasi sta nella mancanza nell'animo di arricchirsi."***

Umbaghad izid jghid li r-raguni ghal din id-distinzjoni hija wahda :

***“eminentemente giuridica , cosi’ nel rapporto soggettivo , perche’ vi e’ minore malvagita’ ; come nel rapporto oggettivo, perche’ chi al fine di pagarsi invola un oggetto al suo debitore non reca spavento ad alcuno tranne ai debitori di mala fede , ai quali deve la societa’ una protezione minore . La teorica dominante in Italia e’ dunque giustissima sotto tutti gli aspetti.”***

Illi umbaghad ,kif gie ritenut minn din il-Qorti , l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe’ :-
a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta ta’ dan il-haddiehor ;
b) il-kredenza li l-att qed isir b’ezercizzju ta’ dritt ;
c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel “di proprio braccio” dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita’ pubblika ; u
d) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi
(ara Appelli Kriminali : “Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia “ , 17.2.1995; Pulizija vs. Rene’ Micallef 6.6.1995 , Pulizija vs. Mark John Schembri , 18.9.2002 u ohrajn)

Issa mill-ezami tal-istqarrijiet tal-appellanti Paul Galea (Fol. 19-20 tal-process ) u tal-appellant John Galea (Fol. 17 u 18) johrog b’mod car li dak li gara , kien sar fir-retroxena tal-hsara tal-car Mazda li kien l-ewwel negozju li sar bejn Paul Galea u ta’ Micallef u li dwaru ta’ Borg kellhom lanjanza serja minhabba id-difett li kien qed iwassal biex iz-zejt tal-magna jithallat mall-ilma tar-radiator.
Umbaghad fix-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant (fol. 63 u 64) qal testwalment hekk :-

***“Billi hemmhekk kont irrabjat u billi fuqi kelli l-ispare key ta’ din il-vettura u hawn hekk nispjega illi kienu mal-mazz cwievet li kont ingorr mieghi , ddecidejt li it-Toyota nohodha***

***lura w naghtihom il-Mazda. Hemm hekk jien qbadt u soqt l-Starlet ..”***

Illi din il-Qorti , wara li fliet fid-dettall u rriflettiet fit-tul dwar l-istato d’animo tal-appellanti , fil-mument tal-“contrectatio” , ssib li ghall-inqas fuq bazi ta’ probabbilta’ biss , li dak li ghamlu l-appellanti kien “in the exercise of a pretended right” . Di fatti rrizulta li dak in-nhar l-appellanti kienu marru ghas-sodisfazzjon u biex jaraw kif kienu ser jibghu ma ta’ Micallef fuq id-difett fil-Mazda u dana wara li kien tahom appuntament wiehed minnhom , ghax meta marru l-ewwel darba , kien qalilhom li l-iehor ma kienx hemm u allura qalilhom biex jergghu imorru it-tnejn . Illi l-ftehim dwar il-biegh tat-Toyota Starlet kien sar biex ikun jista’ jigi saldat id-dejn li kellu l-appellant Paul Galea fuq il-Mazda li rrizulta li kienet difettuza u ghalhekk f’mohhom (ghall-inqas) iz-zewg negozji kienu konnessi w relatati ma xulxin u ergo setghu facilment ippretendew (ghalkemm forsi erronjament legalment) li ir-rexxissjoni tal-biegh tal-Mazda kien jimporta ukoll ir-rexxissjoni tal-biegh tat-Toyota Starlet li maghha kien sar “part exchange” . Jidher ukoll li l-iskop tal-appellanti li jikollhom l-pussess tat-Toyota f’idejhom seta’ ukoll fuq bazi ta’ probabbilta’ kien biex huma jkunu f’pozizzjoni ahjar u aktar b’sahhitha u b’hekk jwasslu lil ta’ Micallef li jaccettaw lura l-Mazda difettuza , u b’hekk ikollhom aktar “bargaining power biex tinsab soluzzjoni ghall-vertenza li inqalghet

Fi kliem iehor, din il-Qorti thoss li dak li sar , seta’ sar bil-kredenza li l-att kien qed isir fl-ezercizzju ta’ dritt , u f‘mument ta‘ rabja w frustrazzjoni bl-atteggjament li kienu qed jiehdu ta‘ Micallef . U jekk hu jekk ikun jezisti proprju l-elementi imsemmija mill-awturi fuq citati w cioe’ dawk ta’ ricatt , ta’ kompensazzjoni u ta’ min jahtaf oggett litigjuz biex jiggarantixxi l-kreditu tieghu. Ghalhekk ikun jonqos l-element importanti tal-“animus furandi” jew tal-“animo di farne lucro” mehtieg biex jissusisti r-reat ta‘ serq.

Illi ghalkemm jidher li r-reat li tieghu kellhom jigu akkuzati bih u misjuba hatja tieghu kien dak kontemplat fl-artikolu

85 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti pero' ma tistax issibhom hatja tieghu ghax mhux reat kompriz u involut fir-reat ta' serq , imma hu reat ghal kollox differenti taht titolu separat tal-Kodici Kriminali..

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa l-appell u tirriforma s-sentenza appellata , billi tirrevokha in kwantu sabet liz-zewg appellanti hatja ta' serq kwalifikat tal-vettura Toyota Starlet numru tar-registrazzjoni CBJ-481 u in kwantu kkundannathom sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin ghat-tenur tal-Art. 28A tal-Kap.9 , u minnflok tiddikjarahom mhux hatja ta' dan ir-reat u tilliberhom minn kull imputazzjoni w piena dwarhu , u tikkonfermha ghall-kumplament fejn sabet lill-appellanti mhux hatja tar-reat ta' serq ta' flus kontanti w ta' sekwestru tal-persuna ta' Darren Micallef u lliberathom minnhom .

--------------------------------TMIEM--------------------------------